# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

19 ta' Lulju 2012*

"It-Tieni u s-Sitt Direttiva tal-VAT — Taxxa tal-input imħallsa — Ħlas lura tal-eċċess — Ħlas tal-interessi — Modalitajiet"

Fil-Kawża C-591/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division (ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Diċembru 2010, fil-proċedura

**Littlewoods Retail Ltd *et***

vs

**Her Majesty's Commissioners for Revenue and Customs,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot u A. Prechal, Presidenti ta' Awla, R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann, E. Juhász, G. Arestis, A. Borg Barthet (Relatur), D. Šváby, u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' Novembru 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Littlewoods Retail Ltd *et*, minn D. Anderson u L. Rabinowitz, QC, kif ukoll minn S. Elliott, barrister,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn C. Murrell, bħala aġent, assistita minn D. Wyatt, QC,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze, K. Petersen u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u N. Rouam, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċiprijott, minn K. Lykourgos u E. Symeonidou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

— għall-Gvern Finlandiż, minn H. Leppo, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Lyal u C. Soulay, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2012,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kumpens għad-dannu finanzjarju mġarrab minn persuna taxxabbli minħabba l-ħlas minn din ta' ammont żejjed ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpanniji tal-grupp Littlewoods (iktar 'il quddiem "Littlewoods") u Her Majesty's Commissioners for Revenue and Customs (iktar 'il quddiem il-"Commissioners") dwar il-modalitajiet ta' kumpens għad-dannu finanzjarju mġarrab minn Littlewoods minħabba ħlas żejjed ta' VAT.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 8 u l-punt 13 tal-Anness A tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u modalitajiet ta' applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 1967, 71, p. 1303), jiddefinixxu l-valur taxxabbli fuq il-VAT b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kunsinni u l-provvista ta' servizzi.

4 L-Artikolu 11Ċ(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"), jiddisponi:

"1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni, ċaħda jew nuqqas ta' pagament totali jew parzjali, jew fejn il-prezz hu mnaqqas wara li l-provvista tkun saret, l-ammont taxxabbli jiġi ridott b'mod xieraq taħt il-kondizzjonijet li għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

Madanakollu, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas totali jew parzjali, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din ir-regola."

*Id-dritt nazzjonali tar-Renju Unit*

5 Il-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tal-1994 (Value Added Tax Act 1994, iktar 'il quddiem il-"VATA 1994") tinkludi d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-amministrazzjoni, il-ġbir u l-infurzar tal-VAT, kif ukoll l-appelli li jistgħu jiġu ppreżentati quddiem qorti speċjalizzata. Din il-liġi tippermetti lill-Commissioners li jirkupraw il-VAT dovuta iżda mhux imħallsa mill-persuni taxxabbli u, lil dawn tal-aħħar, li jirkupraw is-somom imħallsa bħala VAT, meta dawn ma kinux dovuti. Hija tinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-ħlas ta' interessi fuq is-somom dovuti mill-persuni taxxabbli lill-Commissioners kif ukoll fuq is-somom dovuti minn dawn tal-aħħar lill-persuni taxxabbli.

6 It-Taqsima 80 tal-VATA 1994 tiddisponi:

"Il-kreditu għal, jew ir-rimbors ta', VAT iddikjarata jew imħallsa żejda

(1) Meta persuna —

(a) tkun ippreżentat dikjarazzjoni lill-Commissioners tal-VAT tal-UE fir-rigward ta' perijodu bażi partikolari ta' kontabbiltà (irrispettivament mid-data li fiha jkun skada), u

(b) b'dan il-mod, tkun iddikjarat bħala taxxa tal-output ammont li ma kienx dovut bħala taxxa tal-output,

il-Commissioners għandhom l-obbligu li jikkreditaw lil din il-persuna b'dan l-ammont.

[...]

(1B) Meta persuna tkun, fir-rigward ta' perijodu bażi partikolari ta' kontabbiltà (irrispettivament mid-data li fiha jkun skada), ħallset lill-Commissioners ammont ta' VAT li ma kienx VAT dovut lilhom, f'każijiet differenti minn dawk fejn —

(a) ammont li ma kienx dovut bħala taxxa tal-output kien iddikjarat bħala taxxa tal-output [...]

[...]

il-Commissioners għandhom l-obbligu li jirrimborsaw lil din il-persuna b'dan l-ammont hekk imħallas.

(2) Il-Commissioners għandhom jikkreditaw jew jirrimborsaw ammont skont din it-taqsima biss jekk issir talba għal dan il-għan.

(2A) Meta —

(a) wara talba magħmula skont din it-taqsima bis-saħħa tal-paragrafu (1) jew (1A) imsemmija iktar 'il fuq ammont għandu jiġi kkreditat lil persuna, u

(b) wara li jkunu ġew paċuti s-somom kollha dovuti taħt jew bis-saħħa ta' dan l-att, parti minn dan l-ammont jew l-ammont kollu jkun għadu dovut lilha,

il-Commissioners għandhom l-obbligu jħallsu (jew jirrimborsaw) lilha dak li jkun għad fadal minn dan l-ammont.

[...]

(7) Ħlief skont kif ipprovdut f'din it-taqsima, il-Commissioners ma għandhomx l-obbligu li jikkreditaw jew li jirrimborsaw ammont li jkun ġie ddikjarat jew imħallas lilhom bħala VAT li ma kienx VAT dovuta lilhom."

7 Meta talba mressqa taħt it-Taqsima 80 tal-VATA 1994 tintlaqa', il-persuna taxxabbli tista' tkun ukoll intitolata għal interessi fuq is-somma mħallsa żejda, ikkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 78 tal-VATA 1994. Din it-Taqsima 78 tistipula li:

"L-interessi f'ċerti każijiet ta' żball amministrattiv

(1) Meta, minħabba żball magħmul mill-Commissioners, persuna tkun —

(a) iddikjaratilhom ammont bħala taxxa tal-output li ma kienx taxxa tal-output dovut minnha, u minħabba dan, il-Commissioners għandhom, skont it-Taqsima 80(2A), l-obbligu li jħallsu lura (jew jirrimborsaw) ammont lilha, jew

(b) naqqset milli tagħmel talba għall-kreditu skont it-Taqsima 25 għal ammont li għalih kienet intitolata titlob il-kreditu, u li b'konsegwenza ta' dan il-Commissioners għandhom l-obbligu li jirrimborsawha, jew

(c) (f'każ li ma jaqax fl-ambitu tal-paragrafu (a) jew (b) iktar 'il fuq) ħallsithom bħala VAT ammont li ma huwiex dovut bħala VAT u li b'konsegwenza ta' dan il-Commissioners għandhom konsegwentement l-obbligu jirrimborsawha, jew

(d) irċeviet tard mingħand il-Commissioners il-ħlas ta' ammont dovut lilha bħala VAT,

il-Commissioners għandhom, jekk u safejn dawn ma jkunux diġà obbligati jagħmlu hekk skont xi dispożizzjoni oħra, iħallsuha l-interessi fuq dan l-ammont għall-perijodu inkwistjoni, iżda suġġett għad-dispożizzjonijiet segwenti ta' din it-taqsima.

[…]

(3) L-interessi skont din it-taqsima għandhom jitħallsu skont ir-rata applikabbli prevista fit-Taqsima 197 tal-Liġi tal-Finanzi tal-1996 [Finance Act 1996]. […]"

8 L-interessi mħallsa taħt it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 huma kkalkolati b'riferiment għat-Taqsima 197 tal-Liġi tal-Finanzi tal-1996 u għar-Regolament tal-1998 dwar it-taxxa tal-passiġġieri tal-ajru u taxxi oħra indiretti [Air Passenger Duty and Other Indirect Taxes (Interest Rate) Regulations 1998]. Taħt dawn id-dispożizzjonijiet, għall-finijiet ta' din it-Taqsima 78, ir-rati huma ffissati, mill-1998, skont formula li tirreferi għar-rati ta' self bażi medji ta' sitt clearing banks, li tissejjaħ ir-"rata ta' referenza". Għall-perijodu li jkopri s-snin 1973 sa 1998, ir-rati huma msemmija fit-Tabella 7 ta' dan ir-regolament. Ir-rata applikabbli taħt it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 hija r-rata ta' referenza mnaqqsa b'1 %. Din it-Taqsima 78 tiddefinixxi l-"perijodu applikabbli", li għalihom l-interessi huma dovuti. Għal dak li jirrigwarda l-kawża prinċipali, dan il-perijodu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-Commissioners ikunu rċevew il-ħlas żejjed tal-VAT u jintemm fid-data li fiha huma awtorizzaw ir-rimbors tal-ammont li fuqu huma dovuti l-interessi.

## Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

9 Skont il-qorti tar-rinviju, mill-introduzzjoni tal-VAT fir-Renju Unit li seħħet matul l-1973, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ħlief għall-kumpannija holding Littlewoods Limited, mexxew negozju ta' bejgħ bieb bieb permezz ta' katalogu. F'dan il-kuntest, dawn il-kumpanniji kienu jqassmu l-katalogi u jbigħu l-prodotti li jidhru fihom permezz ta' netwerk ta' "aġenti". Dawn tal-aħħar jirċievu kummissjoni fuq bejgħ magħmul minnhom jew permezz tal-intermedjarju tagħhom ("xiri permezz ta' terzi"). Din il-kummissjoni, li setgħet titħallas fi flus kontanti, kienu inaqsuha minn xi xiri li jkunu għamlu l-aġenti nfushom, jew jużawha għal xiri fil-futur, b'rata ogħla ta' kummissjoni.

10 Mill-1973 sa Ottubru tal-2004 il-kummissjonijiet fuq ix-xiri permezz ta' terzi ġew ikklassifikati b'mod żbaljat bħala korrispettiv tas-servizzi pprovduti mill-aġent lil Littlewoods. Dawn kellhom jiġu meqjusa, kemm fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll fil-kuntest tad-dritt nazzjonali, bħala tnaqqis fuq ix-xiri tal-passat, jekk dawn tħallsu fi flus kontanti, jew fuq ix-xiri tal-futur, jekk dawn kienu ntużaw għal xiri fil-futur b'rata ogħla ta' kummissjoni. Għalhekk Littlewoods ħallset ammont żejjed ta' VAT fuq ċerti provvisti jew servizzi, billi l-ammont taxxabbli tal-beni minnha pprovduti kien, bi żball, ġie kkunsidrat bħala ogħla milli fil-fatt kien.

11 Għalhekk il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li s-somom imħallsa żejda ma kinux legalment dovuti taħt id-Direttiva 67/228, billi dawn jirrigwardaw snin preċedenti għas-sena 1978, u taħt id-Direttiva 77/338, minn dik is-sena.

12 Littlewoods ressqet talba quddiem il-Commissioners għar-rimbors tal-ħlas żejjed tal-VAT. Minn Ottubru 2004, il-Commissioners irrimborsaw lil Littlewoods ammont imħallas żejjed ta' VAT ta' GBP 204 774 763. Dan ir-rimbors sar b'mod konformi mat-Taqsima 80 tal-VATA 1994.

13 Flimkien ma' dan ir-rimbors tħallas l-ammont ta' GBP 268 159 135 bħala interessi sempliċi taħt it-Taqsima 78 tal-VATA tal-1994.

14 Fir-rikorsi pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, Littlewoods titlob somom ulterjuri li jammontaw għal madwar GBP 1 biljun. Hija ssostni li dan l-ammont jikkorrispondi għall-vantaġġ li minnu gawda r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq minħabba fl-użu li huwa għamel mill-ammont prinċipali tat-taxxa mħallsa żejda. Littlewoods issostni li dan l-ammont ġie kkalkolat b'referenza għall-interessi komposti, rata applikabbli għas-self effettwat mill-Gvern tar-Renju Unit matul il-perijodu inkwistjoni. L-istess ammont diġà jirrifletti l-interessi sempliċi mħallsa.

15 Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, Littlewoods invokat żewġ rimedji li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali, jiġifieri azzjoni għall-ħlas lura tat-taxxa miġbura illegalment, komunement magħrufa bħala "azzjoni Woolwich" ("Woolwich claim"), u azzjoni għall-ħlas lura tas-somom imħallsa minħabba fi żball ta' liġi ("mistake-based claim").

16 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għal azzjoni Woolwich huwa ta' sitt snin mid-data tal-ħlas tat-taxxa mħallsa żejda, filwaqt li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' azzjoni għall-ħlas lura minħabba fi żball ta' liġi huwa ta' sitt snin mid-data li fiha l-persuna kkonċernata skopriet l-iżball jew setgħet tiskoprih b'attenzjoni raġonevoli.

17 Din il-qorti tikkunsidra li dawn it-termini ta' preskrizzjoni pprovduti taħt id-dritt nazzjonali huma konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

18 Fil-kawżi prinċipali, huwa stabbilit li:

— mis-sena 1973 sa' Ottubru 2004, il-Commissioners irċevew l-ammonti tal-VAT ikkontestat bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u tad-dritt nazzjonali;

— Littlewoods kellha dritt għar-rimbors tal-VAT imħallsa żejda skont id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali, ladarba l-ammonti kienu tħallsu lill-Commissioners;

— interessi sempliċi, ikkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali kienu wkoll ġew imħallsa lil Littlewoods taħt dawn id-dispożizzjonijiet, u

— l-kundizzjonijiet għal azzjoni kontra l-Istat, għad-danni sostnuti bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, ma humiex sodisfatti.

19 Skont il-qorti tar-rinviju, l-ebda wieħed mir-rimedji invokati minn Littlewoods ma jista' jiġi applikat f'dan il-każ. Din il-qorti tikkunsidra li l-VAT imħallsa żejda tista' tiġi rkuprata biss permezz ta' talba mressqa skont it-Taqsima 80 tal-VATA 1994 u li Littlewoods setgħat biss titlob interessi fuq il-bażi tat-Taqsima 78 ta' din il-liġi. Għalhekk, jekk huwa biss id-dritt nazzjonali li jiġi applikat, it-talbiet imressqa minnha għandhom jiġu miċħuda bl-applikazzjoni tat-Taqsimiet 78 u 80.

20 Madankollu, din l-istess qorti għandha dubji dwar jekk tali soluzzjoni hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

21 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Meta persuna tax[x]abbli tkun ħallset ammont żejjed ta' VAT, li nġabar mill-Istat Membru bi ksur tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni [...] dwar il-VAT, ir-rimedju pprovdut minn dan l-Istat Membru huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni [...] jekk ir-rimedju inkwistjoni jikkonsisti (a) fil-ħlas lura [fir-rimbors] tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, u (b) tal-interessi sempliċi fuq dawn l-ammonti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħat-Taqsima 78 tal-[VATA] 1994?

2) Jekk le, id-dritt tal-Unjoni [...] jitlob li r-rimedju pprovdut mill-Istat Membru jipprovdi (a) il-ħlas lura [ir-rimbors] tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, u (b) il-ħlas ta' interessi komposti skont il-valur tal-użu tal-ammonti mħallsa żejda lill-Istat Membru u/jew tat-telf tal-valur tal-użu tal-ammont f'idejn il-persuna taxxabbli?

3) Jekk ir-risposta kemm għall-ewwel domanda u għat-tieni domanda hija fin-negattiv, x'għandu jinkludi r-rimedju li d-dritt tal-Unjoni jitlob lill-Istat Membru jipprovdi, minbarra l-ħlas lura [ir-rimbors] tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, fid-dawl tal-valur tal-użu tal-ammont imħallas żejjed u/jew tal-interessi?

4) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fin-negattiv, il-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni [...] tal-effettività jirrikjedi illi Stat Membru ma japplikax restrizzjonijiet tad-dritt nazzjonali (bħat-Taqsimiet 78 u 80 tal-Value Added Tax Act 1994) fil-konfront ta' azzjonijiet jew ta' rimedji li kieku kienu jkunu disponibbli, fin-nuqqas ta' dawn ir-restrizzjonijiet, għall-persuna taxxabbli sabiex issostni d-dritt ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni [...] stabbilit fir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel tliet domandi, jew huwa biżżejjed illi l-qorti nazzjonali ma tapplikax dawn ir-restrizzjonijiet fid-dawl biss ta' waħda minn dawn l-azzjonijiet jew rimedji?

Liema prinċipji oħra għandhom jiggwidaw lill-qorti nazzjonali sabiex tagħti effett lil dan id-dritt ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni [...] b'tali mod illi tikkonforma ruħha mal-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni [...] ta' effettività?"

**Fuq id-domandi preliminari**

22 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk huwiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ammont tal-VAT imħallas żejjed minħabba fin-nuqqas ta' osservanza tad-dritt tal-Unjoni tħallas lura lill-persuna taxxabbli kkonċernata, li d-dritt nazzjonali jipprovdi għall-ħlas, fuq din is-somma, ta' interessi sempliċi, jew jekk id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li d-dritt nazzjonali jipprovdi l-ħlas ta' interessi komposti, bħala ekwivalenti għall-valur tal-użu tas-somom imħallsa żejjed u/jew it-telf tal-valur tal-użu ta' dawn, jew ukoll mod ieħor ta' kumpens li skont il-każ huwa mitlub lill-Qorti tal-Ġustizzja li tippreċiża. Fil-każ li din ir-regola nazzjonali applikabbli ma tkunx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf x'inhuma l-konsegwenzi li għandhom jinsiltu minn tali inkompatibbiltà.

23 F'dan ir-rigward, preliminarjament, għandu jingħad li, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, Littlewoods ma kinitx ressqet azzjoni għall-kumpens ibbażat fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni mir-Renju Unit, iżda kienet ressqet azzjoni għar-rimbors tal-VAT miġbura bi ksur ta' dan id-dritt.

24 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-dritt għal rimbors ta' taxxi mħallsa fi Stat Membru bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn u jikkomplementa d-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod

partikolari, is-sentenzi tad-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio, 199/82, Ġabra p. 3595, punt 12, kif ukoll tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgeselleschaft *et*, C-397/98 u C-410/98, Ġabra p. I-1727, punt 84). Għalhekk, fil-prinċipju, l-Istati Membri huma obbligati li jħallsu lura t-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tal-14 ta' Jannar 1997, Comateb *et*, C-192/95 sa C-218/95, Ġabra p. I-165, punt 20; Metallgesellschaft *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 84; tat-2 ta' Ottubru 2003, Weber's Wine World *et*, C-147/01, Ġabra p. I-11365, punt 93, kif ukoll Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 202).

25 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li, meta Stat Membru jiġbor taxxi bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni, l-individwi għandhom id-dritt mhux biss għar-rimbors tat-taxxa indebitament miġbura, iżda wkoll għall-ammonti mħallsa lil dan l-Istat jew miżmuma minnu b'relazzjoni diretta ma' din it-taxxa. Dan jinkludi wkoll it-telf ikkostitwit mill-indisponibbiltà ta' somom ta' flus wara l-ġbir prematur tat-taxxa (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Metallgesellschaft *et*, punti 87 sa 89, kif ukoll Test Claimants in the FII Group Litigation, punt 205).

26 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-prinċipju ta' obbligu tal-Istati Membri li jħallsu lura bl-interessi l-ammonti tat-taxxa mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn dan id-dritt.

27 Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jipprovdi għall-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jitħallsu tali interessi, b'mod partikolari r-rata u l-metodu tal-kalkolu ta' dawn l-interessi (interessi sempliċi u interessi komposti). Dawn il-kundizzjonijiet għandhom iħarsu l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, jiġifieri, huma la għandhom ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw talbiet simili li huma bbażati fuq dispożizzjonijiet tad-dritt intern u lanqas għandhom ikunu implementati b'mod li jagħmlu prattikament impossibbli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi San Giorgio, iċċitata iktar 'il fuq, punt 12; tat-2 ta' Ottubru 2003, Weber's Wine World *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 103; kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2005, MyTravel, C-291/03, Ġabra p. I-8477, punt 17).

28 Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' effettività jipprojbixxi lil Stat Membru milli jrendi prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet ikkonferiti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara s-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Wells, C-201/02, Ġabra p. I-723, punt 67, kif ukoll tad-19 ta' Settembru 2006, i-21 Germany u Arcor, C-392/04 u C-422/04, Ġabra p. I-8559, punt 57).

29 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li dan il-prinċipju jirrikjedi li r-regoli nazzjonali li b'mod partikolari jirrigwardaw il-kalkolu tal-interessi eventwalment dovuti, ma jwasslux sabiex iċaħħdu lill-persuna taxxabbli minn kumpens xieraq minħabba fit-telf ikkawżat mill-ħlas indebitu tal-VAT.

30 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk dan huwiex il-każ inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward għandu jingħad li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 78 tal-VATA 1994, il-Commissioners ħallsu lil Littlewoods l-interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni. Bl-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, Littlewoods kisbet il-ħlas ta' interessi sempliċi, li jammontaw għal GBP 268 159 135, li jikkorrispondu għall-interessi dovuti għal madwar 30 sena, u dan l-ammont jaqbeż b'iktar minn 23 % is-somma prinċipali, li tammonta għal GBP 204 774 763.

31 Fir-rigward tal-verifika, fil-kawża prinċipali, ta' jekk il-prinċipju ta' ekwivalenza huwiex sodisfatt fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li l-osservanza ta' dan il-prinċipju jippresupponi li r-regola nazzjonali inkwistjoni tapplika mingħajr distinzjoni għall-azzjonijiet ibbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni u għal dawk ibbażati fuq il-ksur tad-dritt intern li jkollhom skop u kawżalità simili. Madankollu, il-prinċipju ta' ekwivalenza ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jobbliga Stat Membru li jestendi s-sistema interna l-iktar favorevoli għall-azzjonijiet kollha ppreżentati f'qasam partikolari tad-dritt. Sabiex jiġi vverifikat jekk dan il-prinċipju huwiex osservat, huwa l-kompitu tal-qorti

nazzjonali, inkwantu hija biss għandha għarfien dirett tal-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet ta' ħlas lura fil-konfront tal-Istat, li tivverifika jekk il-modalitajiet proċedurali intiżi sabiex jiżguraw, fid-dritt intern, il-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni humiex konformi ma' dan il-prinċipju u li teżamina kemm l-għan kif ukoll l-elementi essenzjali tal-azzjonijiet allegatament simili ta' natura interna. Għal dan il-għan, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika x-xebh bejn l-azzjonijiet ikkonċernati fid-dawl tal-iskop, il-kawżalità u l-karatteristiċi essenzjali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Pontin, C-63/08, Ġabra p. I-10467, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Skont il-qorti tar-rinviju, l-applikazzjoni tat-Taqsima 78 tal-VATA 1994 għandha l-effett li teskludi ż-żewġ azzjonijiet taħt il-"common law", jiġifieri l-azzjoni Woolwich u l-azzjoni għall-ħlas lura minħabba fi żball ta' liġi. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fil-każ ta' konstatazzjoni tan-nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni tat-Taqsimiet 78 u 80 tal-VATA 1994, in-nuqqas ta' applikazzjoni fir-rigward tal-azzjoni Woolwich tar-restrizzjonijiet li fihom jinsabu dawn id-dispożizzjonijiet jistax iwassal, fil-kawża prinċipali, għall-ħlas ta' interessi skont id-dritt tal-Unjoni jew jekk għal dan il-għan, għandhiex tkun evitata l-applikazzjoni ta' din ir-restrizzjoni fir-rigward tal-azzjonijiet kollha jew tal-metodi kollha ta' kumpens previsti mill-"common law".

33 Hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, f'sitwazzjoni ta' inkompatibbiltà ta' regola tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni li huwa direttament applikabbli, il-qorti nazzjonali għandha twarrab l-applikazzjoni ta' din ir-regola nazzjonali, meta dan l-obbligu ma jillimitax is-setgħa tal-qrati nazzjonali kompetenti li japplikaw, fost id-diversi proċeduri tal-ordinament ġuridiku intern, dawk li huma xierqa sabiex jiġu protetti d-drittijiet individwali mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (f'dan is-sens, ara b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1993, van Gemert-Derks, C-337/91, Ġabra p. I-5435, punt 33, tat-22 ta' Ottubru 1998, IN. CO. GE. 90 *et*, C-10/97 sa C-22/97, Ġabra p. I-6307, punt 21 u tad-19 ta' Novembru 2009, Filipiak, C-314/08, Ġabra p. I-11049, punt 83).

34 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li l-persuna taxxabbli li tkun ħallset ammont żejjed ta' VAT, li kien inġabar mill-Istat Membru kkonċernat bi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-VAT, għandha dritt għall-ħlas lura tat-taxxa mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll għall-ħlas ta' interessi fuq dan l-ammont. Huwa d-dritt nazzjonali li għandu jiddetermina, fl-osservanza tal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza, jekk is-somma prinċipali għandhiex ikollha interessi skont sistema tal-interessi sempliċi, jew skont sistema ta' interessi komposti jew sistema oħra ta' interessi.

**Fuq l-ispejjeż**

35 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li l-persuna taxxabbli li tkun ħallset ammont żejjed ta' taxxa fuq il-valur miżjud, li kien inġabar mill-Istat Membru kkonċernat bi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, għandha dritt għall-ħlas lura tat-taxxa mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll għall-ħlas ta' interessi fuq dan l-ammont. Huwa d-dritt nazzjonali li għandu jiddetermina, fl-osservanza tal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza, jekk is-somma prinċipali għandhiex ikollha interessi skont sistema tal-interessi sempliċi, sistema ta' interessi komposti jew sistema oħra ta' interessi.**

Firem